



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11596/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0254(NLE)

PECHE 287

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 428 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali u l-Laqqgħa tal-Partijiet fil-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/812

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 428 final.

Mehmuż: COM(2023) 428 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.7.2023
COM(2023) 428 final

2023/0254 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali u l-Laqgħa tal-Partijiet fil-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/812

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC) u l-Laqgħa tal-Partijiet fil-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini għall-perjodu 2024-2028 b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' miżuri.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni ta' Antigua u l-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini

Bl-istabbiliment tal-IATTC, il-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Costa Rica (Konvenzjoni ta' Antigua) timmira li tiżgura l-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut koperti bil-Konvenzjoni ta' Antigua. Il-Konvenzjoni ta' Antigua daħlet fis-seħħ fl-10 ta' Ottubru 2008.

Bl-istabbiliment tal-Laqgħa tal-Partijiet fl-AIDCP, il-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini (Ftehim IDCP) jimmira li jnaqqas progressivament il-mortalità inċidentali tad-delfini fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni ta' Antigua għal livelli li jqarrbu lejn iż-żero. Skont l-Artikolu XIV tal-Konvenzjoni ta' Antigua, il-IATTC għandu jkollha rwol integrali biex tikkordina l-implimentazzjoni tal-Ftehim u biex timplimenta l-miżuri adottati fil-qafas tal-AIDCP. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fil-15 ta' Frar 1999.

L-Unjoni Ewropea hija parti fil-IATTC u l-AIDCP, billi approvat il-Konvenzjoni ta' Antigua u l-AIDCP permezz tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2006/539/KE¹ u 2005/938/KE², rispettivament.

2.2. Il-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali u l-Laqgħa tal-Partijiet fil-Programm għall-Konservazzjoni tad-Delfini

Il-IATTC huwa l-korp stabbilit mill-Konvenzjoni ta' Antigua biex ikun responsabbli mill-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni ta' Antigua. Din tadotta miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni biex tiżgura l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli fuq terminu twil, tal-istokkijiet tal-ħut koperti mill-Konvenzjoni.

Il-Laqgħa tal-Partijiet fl-AIDCP huwa l-korp stabbilit mill-AIDCP biex jiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tar-riżorsi marini ħajjin assoċjati mas-sajd tat-tonn bit-tartarun tal-borża fiż-żona tal-Konvenzjoni ta' Antigua. Il-IATTC għandha responsabbiltajiet sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-miżuri adottati mil-Laqgħa tal-Partijiet fl-AIDCP u tiżgura s-segretarjat tal-AIDCP.

Il-miżuri adottati mill-IATTC u l-Laqgħa tal-Partijiet fl-AIDCP jistgħu jsiru vinkolanti fuq l-Unjoni.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/539/KE tat-22 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Kosta Rika (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 22).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/938/KE tat-8 ta' Diċembru 2005 dwar l-approvazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini, (ĠU L 348, 30.12.2005, p. 26).

Bħala membru tal-IATTC u tal-Laqqha tal-Partijiet fl-AIDCP, l-Unjoni Ewropea hija intitolata tipparteċipa u tivvota fid-deċiżjonijiet tagħha. Il-IATTC u l-Laqqha tal-Partijiet fl-AIDCP jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom b'konsens.

2.3. Deċiżjonijiet adottati mill-IATTC u mil-Laqqha tal-Partijiet fl-AIDCP

Il-IATTC għandha l-awtorità li tadotta miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni ("riżoluzzjonijiet") għas-sajd taħt ir-responsabbiltà tagħha, u dawn ikunu vinkolanti fuq il-partijiet kontraenti.

Skont l-Artikolu IX.7 tal-Konvenzjoni ta' Antigua, ir-riżoluzzjonijiet jidħlu fis-seħħ 45 jum wara d-data li fiha l-partijiet kontraenti jiġu notifikati bihom mill-IATTC.

Il-Laqqha tal-Partijiet fl-AIDCP għandha l-awtorità li tadotta deċiżjonijiet biex tikseb l-oġettivi tal-AIDCP. Hekk kif jiġu adottati, dawn id-deċiżjonijiet isiru vinkolanti fuq il-partijiet kontraenti.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIHEH F'ISEM L-UNJONI EWROPEA

Il-pożizzjoni li tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqqhat annwali tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) bħalissa hija stabbilita permezz ta' approċċ b'żewġ saffi. Deċiżjoni tal-Kunsill tistipula l-prinċipji ta' gwida tal-pożizzjoni tal-UE fuq bażi pluriennali, u minn hemm 'il quddiem din il-pożizzjoni tiġi aġġustata għal kull laqqha annwali permezz ta' dokumenti informali tas-servizzi tal-Kummissjoni li jridu jiġu endorsjati mill-Kunsill.

Għall-IATTC, dan l-approċċ huwa implimentat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/812 tal-14 ta' Mejju 2019, li jistipula l-pożizzjoni tal-Unjoni fl-IATTC u l-Laqqha tal-Partijiet fl-AIDCP għall-perjodu 2019-2023. Id-Deċiżjoni fiha prinċipji ġenerali, iżda kemm jista' jkun tqis ukoll il-karatteristiċi speċifiċi tal-IATTC u tal-AIDCP. Barra minn hekk, tistipula l-proċess standard għall-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-UE kull sena kif mitlub mill-Istati Membri.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/812 inkorporat il-prinċipji tal-politika komuni tas-sajd il-għdida, kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, filwaqt li tqis ukoll l-oġettivi stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd⁴. Barra minn hekk, aġġustat il-pożizzjoni tal-Unjoni għat-Trattat ta' Liżbona.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/812 tipprevedi valutazzjoni, u fejn xieraq, reviżjoni tal-pożizzjoni tal-UE qabel il-laqqha annwali tal-2024. Għalhekk, din il-proposta tistipula l-pożizzjoni tal-Unjoni fl-IATTC għall-perjodu 2024-2028, u tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/812.

Fir-rigward tas-sajd, din ir-reviżjoni tqis il-Patt Ekoloġiku Ewropew, notevolment l-Istrateġija għall-Bijodiversità⁵, l-Adattament għat-Tibdil Klimatiku⁶ u "Mill-Għalqa sal-Platt"⁷. Tqis

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

⁴ COM(2011) 424, 13.7.2011.

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjtna (COM/2020/380).

ukoll l-Istrateġija għall-Plastiks⁸ u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero⁹. Barra minn hekk, tqis ukoll il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani¹⁰.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sewa stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

“Atti li jkollhom effetti legali” jinkludu atti li jkollhom effetti legali permezz tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni, u l-istrumenti li ma jkollhomx effetti vinkolanti taħt id-dritt internazzjonali, iżda huma “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”¹¹.

4.1.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-IATTC u l-Laqqha tal-Partijiet fl-AIDCP huma korpi stabbiliti bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni ta' Antigua u l-AIDCP.

L-atti li l-IATTC u l-Laqqha tal-Partijiet fl-AIDCP jintalbu jadottaw jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali. L-atti previsti jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu IX tal-Konvenzjoni ta' Antigua u mal-Artikolu VII tal-AIDCP, u huma kapaċi jinfluwenzaw deċiżament il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż:

- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat¹²;
- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd¹³;
- ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni¹⁴; u

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-għdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, (COM(2021) 82 final).

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija “Mill-Għalqa sal-Platt” għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM/2020/381).

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija Ewropea għall-Plastiks f’Ekonomija Ċirkolari, COM(2018) 28 final.

⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Perkors għal Pjaneta b’Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta’ Azzjoni tal-UE: “Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija”, COM(2021)400 final.

¹⁰ Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli, JOIN(2022)28 final.

¹¹ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

¹² ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

¹³ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

¹⁴ ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.

- ir-Regolament (UE) 2021/56 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007¹⁵.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni ta' Antigua jew tal-AIDCP.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea. Jekk l-att ikollu żewġ miri jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn il-miri jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-mira jew komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw is-sajd. Il-bażi ġuridika li tistabbilixxi l-prinċipji li jiġu riflessi f'din il-pożizzjoni hija r-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 43(2) tat-TFUE. Id-Deċiżjoni se tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/812, li tkopri l-perjodu 2019-2023.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 43(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

¹⁵ ĠU L 24, 26.1.2021, p. 1.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali u l-Laqgħa tal-Partijiet fil-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/812

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/539/KE¹, l-Unjoni Ewropea kkonkludiet il-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Costa Rica (il-Konvenzjoni ta' Antigua)², li stabbiliet il-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC).
- (2) Il-IATTC hija l-korp responsabbli mill-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni ta' Antigua. Il-IATTC jadotta miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni biex jiżgura l-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut koperti b'din il-Konvenzjoni. Tali miżuri se jsiru vinkolanti għall-Unjoni.
- (3) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/938/KE³, l-Unjoni approvat il-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini (AIDCP)⁴, li stabbilixxa l-Laqgħa tal-Partijiet fl-AIDCP. L-Artikolu XIV tal-Konvenzjoni ta' Antigua jipprevedi li l-IATTC jkollha rwol integrali fil-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-AIDCP u fl-implimentazzjoni tal-miżuri li huma adottati fil-qafas tal-AIDCP. Is-Segretarjat tal-AIDCP huwa pprovdut mill-IATTC.
- (4) Il-Laqgħa tal-Partijiet fl-AIDCP hija l-korp stabbilit mill-AIDCP biex jippromwovi t-tnaqqis progressiv tal-mortalitajiet inkidentalni tad-dniefel fis-sajd tat-tonn bit-tartarun tal-borża fiż-żona tal-Konvenzjoni ta' Antigua għal livelli li jqarrbu lejn iż-żero. Il-Laqgħa tal-Partijiet fl-AIDCP tadotta deċiżjonijiet biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tar-riżorsi marini ħajjin assoċjati mas-sajd tat-tonn bit-tartarun tal-borża fiż-żona tal-Konvenzjoni ta' Antigua. Tali miżuri se jsiru vinkolanti għall-Unjoni.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Kosta Rika (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 22).

² ĠU L 224, 16.8.2006, p. 24.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/938/KE tat-8 ta' Diċembru 2005 dwar l-approvazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini, (ĠU L 348, 30.12.2005, p. 26).

⁴ ĠU L 348, 30.12.2005, p. 28.

- (5) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ jipprevedi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attivitàjiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u li jkunu ġestiti b'mod li huwa konsistenti mal-oġġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjieġ, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawżonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandha tfittex li tiżgura li l-isfruttar ta' riżorsi bijoloġiċi marini ħajjin jirrestawra l-popolazzjoni ta' speċijiet mistada u jżommhom oġġla mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni tieħu miżuri ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni bbażati fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, tappoġġja l-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi, gradwalment telimina l-iskartar u tippromwovi metodi tas-sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, kemm jista' jkun, ta' qabdiet mhux mixtieqa, u trażżan l-impatt tas-sajd fuq l-ekosistema marina u r-riżorsi tas-sajd. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 speċifikament jipprevedi li daww l-oġġettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-tweġġ tar-relazzjonijiet tas-sajd esterni tagħha.
- (6) F'konformità mal-Istrateġija għall-Bijodiversità⁶, l-Adattament għat-Tibdil Klimatiku⁷ u "mill-Għalqa sal-Platt"⁸, huwa essenzjali li tiġi protetta n-natura u titreġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi. Ir-riskji li jirriżultaw mit-tibdil klimatiku u t-telf tal-bijodiversità ma jridux jippreġudikaw id-disponibbiltà tal-oġġetti u s-servizzi li ekosistemi marini f'saħħithom jipprovdu lis-sajjieda, lill-komunitajiet kostali u lill-umanità inġenerali.
- (7) L-istrateġija għall-Plastiks⁹ tirreferi għal miżuri speċifiċi biex jitnaqqas il-plastiks u t-tniġġis tal-baħar kif ukoll it-telf jew l-abbandun tal-irkaptu tas-sajd fil-baħar. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero¹⁰ jimmira li jnaqqas 50 % tal-iskart tal-plastik fil-baħar u 30 % tal-mikroplastiki rilaxxati fl-ambjent.
- (8) Skont il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani¹¹, il-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-bijodiversità marini huma prijoritajiet ewlenin taħt l-azzjoni esterna tal-UE. L-UE hija l-aktar attur prominenti fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) u fil-korpi tas-sajd madwar id-dinja. Hemmhekk, l-UE tippromwovi s-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut, tippromwovi t-

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjita (COM/2020/380).

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, (COM(2021) 82 final).

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM/2020/381).

⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonumija Ċirkolari, COM(2018) 28 final.

¹⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija", COM(2021)400 final.

¹¹ Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli, JOIN(2022)28 final.

teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti abbażi ta' parir xjentifiku sod, ittejjeb ir-riċerka xjentifika, u ssaħħa l-konformità.

- (9) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-IATTC u tal-Laqqgħa tal-Partijiet fl-AIDCP għall-perjodu 2024-2028, peress li l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar tal-IATTC u d-deċiżjonijiet tal-Laqqgħa tal-Partijiet fl-AIDCP se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni u jistgħu jinfluwenzaw deċiżament il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008¹², ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009¹³, ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴, u r-Regolament (UE) 2021/56 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵.
- (10) Bħalissa l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-IATTC hija stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/812¹⁶. Huwa xieraq li dik id-Deċiżjoni titħassar u li tiġi stabbilita Deċiżjoni ġdida għall-perjodu 2024-2028.
- (11) Fid-dawl tan-natura evolventi tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni ta' Antigua u l-ħtieġa konsegwenti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-iżviluppi l-ġodda, inkluż informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni rilevanti oħra preżentata qabel jew matul il-laqgħat tal-IATTC u l-Laqqgħa tal-Partijiet tal-AIDCP, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri għall-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-perjodu 2024-2028, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC) u l-Laqqgħa tal-Partijiet fil-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini (AIDCP) hija stipulata fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

¹² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

¹³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/56 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 24, 26.1.2021, p. 1.).

¹⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/812 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC), u l-Laqqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini, u li tħassar id-Deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fl-IATTC.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni minn sena għall-oħra tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-IATTC u l-Laqqgħa tal-Partijiet fl-AIDCP għandha ssir f'konformità mal-Anness II.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stipulata fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, l-aktar tard, għal-laqqgħa annwali tal-IATTC fl-2029.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni (UE) 2019/812 hija mħassra.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*